**Kunsill Lokali Żejtun**
28, 'Dar iż-Żwieten', Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt
website:www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland

**Seduta** Laqgħa Pubblika
**Data** 12/02/2015 fis-6.15pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali Żejtun, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZT

| | | |
|---|---|---|
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Vici Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti mis-6.45pm |
| | Joan Agius | Preżenti mis-6.30pm |
| | Claude Camilleri | Preżenti |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti mis-6.45pm |
| | Joseph Hales | Preżenti |
| **Pubbliku** | Jennifer Farrugia | ID 83980M |
| | Annie Zammit | ID 876250M |
| | Catherine Oliva | ID 313767M |
| | Jeanelle Doublet | ID 8200L |
| | Andre Mifsud | ID197600L |
| | Carmelo Sicluna | ID 344042M |
| | Sonia Vella | ID 438372M |
| | Malcolm Farrugia | ID 524175M |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | Assistant Prinċipal Caroline Schembri | |

**Tqassmu l-minuti tal-laqgħa pubblika tas-sena 2014. Is-Sindku fetaħ u ppreseda l-laqgħa.**

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2014**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** |
|---|---|---|---|
| 1. | 1 | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Hales | **Il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika 2014 inqraw u ġew approvati nem.con. Ma kienx hemm korrezzjonijiet.** |
| 1. | 2 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti | |

**2. Ftuħ mis-Sindku**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** |
|---|---|---|---|
| 2. | 1 | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-pubbliku preżenti li kien qed jiġi ppreżentat ir-rapport annwali 2014. Huwa spjega li l-fondi tal-Kunsill huma limitati u għalhekk il-Kunsill jipprova jikseb għajnuna minn sorsi oħra barra l-allokazzjoni annwali finanzjarja mill-Gvern Ċentrali. |
| | | Uċuh ta' toroq | Tul is-sena 2014 saru l-uċuh ta' Triq Palazzi, Trejqet is-Sagħtar u biċċa minn Misraħ Ta' Pizzuta minn Transport Malta. Il-Kunsill qed jinsisti ma' l-istess entita' sabiex isir proġett wieħed billi jsiru l-uċuh ta' Triq Bir id-Deheb, Triq il-Labour, Triq Alfred Cachia Zammit u kif ukoll Triq Bormla. S'issa din ta' l-aħħar ma ssemmitx. It-tender għal resurfacing ta' Triq A. Cachia Zammit ħarġet iżda għad irid jintgħażel il-kuntrattur. |

| | |
|---|---|
| Xogħlijiet Infrastrutturali | Min-naħa tiegħu l-Kunsill jagħmel xogħol kontinwu ta' patching. Bħalissa qed isir xogħol fuq il-bankini ta' Triq Melchiorre u Lorenzo Gafa'. Tul is-sena 2014 tkompla x-xogħol fuq Triq Strejnu mill-fond tal-programm Leader imexxi mill-Gal Xlokk. |
| Child Day Care Centre | F'Novembru li għadda fetaħ ic-Child Day Care Centre. Iż-Żejtun Community Foundation hija responsabbli minn dan iċ-Ċentru. Dan jesa madwar 40 tifel u tifla. In-numru qiegħed dejjem jiżdied u huwa nkuraġġanti. Għal Marzu ta' din is-sena diġa' hemm ibbukkjat 2,500 siegħa. Ġew impjegati co-ordinator u 3 part-timers. |
| L-Aħħar Ħbit | Fis-6 ta' Lulju 2014 ġie imfakkar l-Aħħar Ħbit tat-Torok b'son et lumiere drammatizzat u mfisser b'għana u bi djalett Żejtuni. Dan flimkien ma' l-NGO Għaqda Folklor, Kultura, Arti u Artiġjanat. Il-Kunsill sab l-għajnuna mill-Ministru tal-Kultura Dr Owen Bonnici u Dr Jose Herrera flimkien mas-Segretarju Parlamentari Dr Stefan Buontempo. |

**3. Rapporti tal-Kunsilliera**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| | | Sindku | Is-Sindku nforma lill-pubbliku preżenti li l-Kunsilliera kollha ppreżentaw rapport ta' ħidma li saret flimkien mas-sotto kumitati tul is-sena 2014, liema rapporti jinsabu fir-rapport annwali. Huwa stieden lill-Kunsilliera sabiex jagħtu rapport fil-qasir lill-pubbliku preżenti. |

**5. Preżentazzjoni tar-rapport finanzjarju għas-sena 2014**

**Riferenza** **Rif** **Mingħand / Suġġett** **Kummenti / Deċiżjoni**

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv stiednu lill-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Lawrence Cauchi sabiex jersaq mal-mejda tal-Kunsill biex jispjega r-rapport finanzjarju ta' l-aħħar kwart tas-sena 2014 u dak konsolidat għas-sena kollha.

Min-naħa tieħu s-Sur Cauchi ta spjegazzjoni dettaljata tar-rapport finanzjarju. Dan ir-rapport ser jiġi sottomess lid-Dipartiment tal-Gvern Ċentrali u lill-uffiċċju ta' l-Awditur Ġenerali sa nhar l-20 ta' Frar, 2015. Huwa talab sabiex kull Kunsillier li għandu xi aġġustamenti, jista' jagħmel dan sa mhux aktar mis-sottomissjoni ta' dan id-dokument. Ġew ukoll preżentati l-estimi finanzjarji għas-sena 2015.

Is-Sindku talab sabiex isir apprezzament tal-propjeta' li għandu l-Kunsill: l-uffiċċji tal-Kunsill Lokali, it-Tribunal Lokali u c-Child Day Care Centre. Is-Sur Cauchi spjega li trid issir valuzzjoni minn perunsa professjonali biex dawn ikunu jistgħu jiddaħħlu bħala apprezzament fil-kotba tal-Kunsill. Dan jista' jsir fir-rapport finanzjarju tas-sena 2015.

**5 Interventi mill-Pubbliku**

| | |
|---|---|
| C. Scicluna: Ġbir ta' ħġieġ | Is-Sur Scicluna nforma lill-Kunsill li nhar il-ġimgħa ma ngabrux il-fliexken minn quddiem ir-residenza tiegħu li tinsab fi Triq Bugħarbiel. Huwa lmenta li n-nies ikollhom jieħdu l-flixken fil-bring in site.<br><br>Is-Sindku qal li din l-iskema qed titħaddem mill-Greenpak. Jinħtieġ li l-kuntratturi jibdew jiġu mmultati għax ma jistax ikun li kull xahar ikollna lmenti li l-ġbir ma jkunx sar. |

| | |
|---|---|
| C. Scicluna Bozza mdawwra fi Triq Bugħarbiel | Is-Sur Scicluna semma każ ta' bozza fuq arblu li daret fi Triq Bugharbiel iżda fortunatement meta din il-bozza kellha l-ħsara, hu ġibed l-attenzjoni u reġgħet daret kif kienet oriġinarjament biex b'hekk qed taqdi lir-residenti kollha. |
| C. Scicluna: Ambjent | Is-Sur Scicluna ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ipparkjar ta' vetturi kbar u t-tiswija tagħhom fit-toroq u double parking.<br><br>Is-Sindku spjega li dawn ir-rapporti diġa' tressqu waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Huwa qal li l-operatur ma jistax jaħdem. Il-Kunsill prova jwassal dawn ir-rapporti quddiem l-entitajiet konċernati iżda ma wasalx. Huwa semma kif il-kumpanija Garden of Eden kellha l-istess problemi u ċċaqalqet. Illum dawn iż-żoni qed jiġu klassifikati bħala ODZ (Outside Development Zone). Min-naħa tiegħu Cancu Supreme għandu art li hija tiegħu iżda f'ODZ ma jistax jiċċaqlaq biex jopera minn hemmhekk. Il-Kunsill kien ippropona li jmur fl-Industrial Estate iżda l-awtoritajiet qalu li dan l-operatur ma jesportax u għalhekk ma jistax jingħata post f'żona industrijali. Il-Viċi-Sindku qalet li l-problema tkompli tiżdied jekk isir il-proġett tar-ring road. Is-Sindku spjega li ser jittieħdu ritratti u jintbagħtu lil TM. |
| A. Zammit: Pjanti fi Triq il-Madonna tal-Ħniena | Is-Sinjura Zammit semmiet pjanti li jħammġu u ma tistax tgħaddi b'pushchair minħabba fihom fil-parti d-dejqa ta' Triq il-Madonna tal-Ħniena.<br><br>Is-Sindku spjega li meta daħal l-ilment, il-Kunsillier Hales ħa azzjoni u sar il-knis. Huwa qal ukoll li ser jiġu nfurmati l-Pulizija. Il-Kunsillier Caruana semma każ ta' madum li qed jinqala minħabba siġra fl-istess triq u li l-Kunsill jinħtieġ li jieħu azzjoni. |

**Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.10pm**

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv